

Konvenut: Antonino Bordonaro

### **Domanda preliminari**

Ir-regola nazzjonali li tinsab fl-Artikolu 34 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru°276 tal-2003, li tipprovdli li l-kuntratt ta' xogħol intermittenti jista' jiġi konkluż, fi kwalunkwe każ, fir-rigward ta' servizzi pprovduti minn persuni ta' inqas minn ħamsa u għoxrin sena, tmur kontra l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba l-età, li huwa stabbilit mid-Direttiva 2000/78/CE<sup>(1)</sup> u l-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

---

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

### **Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechtshof Amsterdam (Il-Pajjiżi l-Baxxi) fl-14 ta' Marzu 2016 – Aramex Nederland BV vs Inspecteur van de Belastingdienst/Douane**

**(Kawża C-145/16)**

(2016/C 200/12)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

### **Qorti tar-rinviju**

Gerechtshof Amsterdam

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Aramex Nederland BV

Konvenut: Inspecteur van de Belastingdienst/Douane

### **Domanda preliminari**

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 301/2012<sup>(1)</sup>, tat-2 ta' April 2012, dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda huwa validu?

---

<sup>(1)</sup> ĠU 2012 L 99, p. 19

### **Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Craiova (ir-Rumanija) fl-14 ta' Marzu 2016 – Fondul Proprietatea SA vs Complexul Energetic Oltenia SA**

**(Kawża C-150/16)**

(2016/C 200/13)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

### **Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Craiova

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Fondul Proprietatea SA

Konvenuta: Complexul Energetic Oltenia SA